# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 18 ta' Marzu, 2021**

**Numru 5**

**Rikors Numru 743/19TA**

**Alexander Agius detentur ta' karta tal-identita numerata 240356 (M)**

**vs**

**Il-bastiment NS Koralle IMO Nru 8415201 u s-siddien tiegħu Cora Navigation SA**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Ġuramentat ippreżentat fid-29 ta' Lulju 2019 u maħluf mill-Attur Alexander Agius fl-istess data li permezz tagħha talab is-segwenti:-

"1. Illi r-rikorrent huwa sid l-iskuna tas-sajd ***Eolo***.

2. Illi nhar il-10 ta' Lulu 2019, il-bastiment ***Eolo***, kien sorgut u marbut l-art f'postu fuq Fuel Wharf il-Marsa gewwa l-port il-kbir.

3. Illi ghal xis-6 ta' Filghodu, waqt li kien qed jiehu t-te gewwa l-bastiment, l-bahri li hemm abbord l-***Eolo*** inhasad b'daqqa kbira min-nahha tal-poppa li tant kienet b'sahhitha li qactet ic-cimi li kienu qed jorbtu l-

bastiment mal-bollards l-art, u l-***Eolo*** spicca l-hinn mill-moll ghal-riehu kwazi f'nofs il-port il-kbir.

4. Illi l-bastiment li dahal gol-***Eolo*** kien bastiment ferm akbar tal-merkanzija li jgib l-isem ta' ***NS Koralle***.

5. Jidher li dan il-bastiment ***NS Koralle*** kien gej biex jorbot f'parti ohra ta' Fuel Wharf sabiex ihodd konsenja cement, izda jidher li ma rnexxilux jieqaf u baqa diehel bis-sahha ghal fuq l-***Eolo*** li kien wieqaf marbut l-art f'postu.

6. Illi wara li tqactulu c-cimi mill-art, il-bastiment ***Eolo*** ircieva assistenza mill-Pilot boat u din gibditu lura lejn il-moll sakemm rega' intrabat.

7. Illi bhala rizultat ta' din id-daqqa kbira li rcieva mill-bastiment ***NS Koralle***, il-bastiment ***Eolo*** sofra danni sostanzjai li ser jigu ppruvati waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

8. Illi dan l-incident li rrizulta f'danni sostanzjali lir-rikorrent, sehh minhabba t-tort u/jew l-htija, u/jew negligenza, u/jew imperizja, u/jew nuqqas ta' prudenza u/jew nuqqas ta' diligenza tal-bastiment NS Koralle u/jew tas-siddien tieghu u/jew tal-kaptan abbord u/jew tal-ekwipagg tal-bastiment u/jew ta' persuni ohra li ghalihom huwa responsabbli is-sid tal-bastiment.

Ghalhekk u ghar-ragunijiet premessi, tghid is-socjeta' intimata ghaliex ma ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara li l-bastiment ***NS Koralle*** u/jew is-socjeta' intimata huma responsabbli ghad-danni li sofra r-rikorrent meta l-bastiment ***NS Koralle*** baqa' diehel go l-iskuna tas-sajd ***Eolo*** nhar il-10 ta' Lulju 2019.
2. Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrent.
3. Tordna lill-bastiment intimat u/jew is-socjeta' intimata, jhallsu s-somma hekk likwidata.

Bl-ispejjez u bl-inguzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni."

Rat ir-Risposta Ġuramentata tal-konvenuti preżentata fl-10 ta' Settembru 2019 u maħlufa fl-istess data mill-Avukat Dottor Abigail Bugeja bħala mandatarju speċjali tal-bastiment bl-isem NS Koralle u tas-sidien tiegħu Cora Navigation SA li permezz tagħha wiegbu s-segwenti:-

1. "ILLI preliminarjament, ir-rikors guramentat tal-attur huwa null stante li n-notifika tal-imsemmi rikors guramentat ma gietx effetwata skond il-provvedimenti tal-Ligi u anke skond id-digriet moghti minn din l-Onorabbli Qorti datat l-erbatax (14) ta' Awwissu tas-sena elfejn u dsatax (2019) fejn din l-Onorabbli Qorti ordnat li n-notifika tar-rikors guramentat ghandha ssir lill-bastiment u lis-socjeta' eccipjenti u l-ebda persuna jew entita' ohra. Ghaldaqstant, il-bastiment u s-socjeta' eccipjenti ghandhom jigu lliberati mill-osservanza tal-guidzzju;

2. ILLI minghajr pregudizzju ghas-suespost, t-talbiet tal-attur huma wkoll nulli stante li l-ewwel (1) talba ndikata fir-rikors guramentat odjern tispecifika '*ghad-danni li soffra r-rikorrent nomine'* u cioe' dan ifisser illi l-attur ma soffra l-ebda danni personalment imma l-istess danni gew sofferti minn terzi persuni liema terzi persuni m'humiex maghrufa. Ghaldaqstant ukoll, l-azzjoni tal-attur ghandha tigi respinta u l-bastiment u s-socjeta' eccipjenti ghandhom jigu lliberati mill-osservanza tal-gudizzju, bl-ispejjez kontra l-attur;

3. ILLI minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta' eccipjenti Cora Navigation SA m'hijiex il-legittimu kuntradittur u dan minhabba li l-azzjoni mressqa mill-attur hija azzjoni *in rem.* Ghaldaqstant, is-socjeta' Cora Navigation SA ghandha tigi lliberata mill-osservanza tal-gudizzju;

4. ILLI minghajr pregudizzju ghas-suespost u fil-mertu, t-talbiet tal-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghaldaqstant il-bastiment u s-socjeta' eccipjenti ghandhom jigu lliberati mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra l-attur;

5. ILLI subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, u a kuntrarju ta' dak li ntqal fir-rikors odjern, l-incident *de quo* kien kawzat unikament minhabba tort u jew htija u jew negligenza u jew imperizja u jew nuqqas ta' imprudenza u jew nuqqas ta' diligenza tal-attur u jew tal-membri tal-ekwipagg tieghu u minhabba f'hekk ghandu jigi applikat il-principju mnizzel fl-Artikolu 1031 tal-Kapitlu 16 tal-Ligijiet ta' Malta. In vista ta' dan, it-talbiet tal-attur ghandhom jigu respinti bl-ispejjez;

6. ILLI minghajr pregudizzju ghas-suespost, ma tezisti l-ebda responsabbilta' fuq il-bastiment u s-socjeta' eccipjenti ghal-allegat danni u dana stante li l-istess incident sehh minhabba nuqqasijiet u ommissjonijiet da parti tal-attur u jew tal-ekwipagg tal-iskuna tieghu. Ghaldaqstant ukoll, it-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra taghha;

7. ILLI minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-bastiment u s-socjeta' eccipjenti qeghdin wkoll jikkontestaw l-effett tal-incident u d-danni illi allegatament ġarrab l-attur in segwitu ta' dan l-inċident, u għaldaqstant l-attur għandu jressaq **kull prova valida skond il-liġi** sabiex jipprova:

   a. Il-kawżalità bejn l-inċident mertu tal-kawża u l-allegat danni sofferti minnu; u

b. Id-danni li allegatament soffra in segwitu ta' dan l-inċident.

8. ILLI d-danni pretiżi mill-attur huma wkoll ikkontestati, u l-attur għandu jressaq kull prova valida skond il-liġi sabiex jipprova t-telf illi allegatament sofra in segwitu ta' dan l-inċident;

9. ILLI f'kull kaz u minghajr pregudizzju ghall-premess, u f'kaz biss illi dina l-Qorti ssib xi responsabbilita` fil-konfront tal-bastiment u s-socjeta' eccipjenti, d-danni reklamati mill-attur huma limitati skond il-ligi, precizament skond il-Kapitlu 234 tal-Ligijiet ta` Malta, u dan skond kif ser jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kaz.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri permissibbli skond il-ligi."

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti;

Qrat ix-xhieda fil-kawża;

Rat il-verbal tal-udjenza tal-4 ta' Frar 2021 fejn il-kawża tħalliet għal-llum għas-sentenza.

**<u>Punti ta' fatti</u>**

F'din il-lanjanza l-Attur qed jippretendi ħlas għal ħsarat kaġonati fuq l-iskuna tas-sajd liċenzjata u reġistrata f'ismu (ara liċenzji a' fol 362 u 558 u ċertifikat tar-reġistru a' fol 361 jew 561) bl-isem Eolo konsegwenza ta' kolliżjoni li seħħet kmieni filgħodu fl-10 ta' Lulju 2019. Fil-mument tal-kolliżjoni, l-iskuna Eolo kienet irmiġġata fi Fuel Wharf il-Marsa ġewwa l-port il-kbir meta l-bastiment Konvenut NS Koralle ħabat ġo fiha waqt li kien qed jinnaviga biex jitrakka ma parti oħra ta' Fuel Wharf (ara rapport espert maħtur fl-inkjesta dwar din il-kolliżjoni a' fol 458).

**<u>Punti ta' Liġi</u>**

Din l-azzjoni hija waħda mista, jiġifieri istitwita kontestwalment kemm *in rem* kontra l-bastiment NS Koralle IMO ai termini tal-artikolu 742B (e) u (f) tal-Kap. 12 u anke *in personam* kontra s-sid tal-istess bastiment, Cora Navigation SA.

Il-kawżali u t-talbiet kif mfassla f'din l-azzjoni huma diretti sabiex jimputaw culpa aquilina lill-konvenuti, solidament jew min minnhom, għad-danni li l-attur jallega li sofra konsegwenza tal-ħsara li l-iskuna tiegħu ġarrbet f'din il-kolliżjoni.

Il-liġi tikkontempla danni naxxenti minn culpa aquiliana fl-artikoli 1031 et seq tal-Kodiċi Ċivili. F'azzjoni bħal din jispetta lill-Attur li jġib il-prova tal-ħtija u li tassew ġarrab id-danni:

*"L-**Art 1031 tal-Kap 16** jistabilixxi illi "kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu". Din in-norma tal-ligi fil-kamp tar-responsabilita` akwiljana tiskatta l-principju illi min ikun l-awtur tal-hsara huwa obbligat jaghmel tajjeb ghall-konsegwenzi negattivi li l-att igib mieghu.*

*Il-ligi generali taghna ma taghtix tifsira ta` culpa izda bhala effett tal-**Art 1032(1) tal-Kap 16** tidentifikaha bhala mgieba fejn jirrizulta nuqqas ta` prudenza, nuqqas ta` diligenza u nuqqas ta` hsieb tal-bonus paterfamilias.*

*Huwa pacifiku fil-gurisprudenza taghna illi "min ifittex ghad-danni jrid jipprova mhux biss l-att jew ommissjoni kolpuza izda li dak l-istess att jew ommissjoni ghandhom konnessjoni ta` kawza u effett mad-danni sofferti" (ara -* ***Kollez. Vol. XXX. I. 142****).*

*Huwa wkoll accettat fil-gurisprudenza taghna illi "l-kolpa fil-kaz ta` fatt dannuz li minnu torigina l-azzjoni akwiljana tavvera ruhha filli wiehed jaghmel att volontarjament u jonqos li jipprevedi l-effett dannuz ta` dak il-fatt meta seta` jipprevedi dak l-effett" (ara -* ***Kollez. Vol. XLII. I. 74****). Dan ifisser illi wiehed jehtieg jorbot l-att kolpuz minhabba imprudenza jew nuqqas ta` diligenza mal-prevedibilita` ta` l-event dannuz; "prevedibilita` din li trid tkun ta` probabilitajiet ragjonevoli u mhux ta` possibilitajiet remotissimi u inverosimili" (ara –* ***Kollez. Vol. XLVIII. I. 258****).*

*Ikompli jinghad fis-sentenza riportata fil-****Kollez. Vol. XXIV. I. 172****, illi tissussisti l-culpa : "quando vi ha la violazione di un dovere ed una volontaria omissione di diligenza per cui non si prevedono le conseguenze della propria azione od omissione, e si viola il diritto altrui, senza volerlo ed anche senza avvedersene"*

*Fis-sentenza fil-kawza "****Michael D`Amato noe vs Filomena Spiteri et****" deciza minn din il-Qorti (****PA/PS****) fit-3 ta` Ottubru 2003, b`riferenza ghall-Art 1031 tal-Kap 16, jinghad :–*

*"Din in-norma tal-ligi fil-kamp tar-responsabilita` akwiljana jew extrakontrattwali tikkostitwixxi l-punt kardinali in subjecta materia, u tennuncja l-principju in virtu ta` liema l-lezjoni kagjonata lis-suggett tobbliga lill-awtur tal-lezjoni li jirrizarcixxi l-konsegwenzi negattivi, ossija d-danni, kompjuti bl-att tieghu; Issa kif saput, il-fonti primarju tar-responsabilita` civili hi ravvizata flimgieba imputabbli ghal dolo jew culpa. Il-ligi civili taghna ma tiddefinixix il-kolpa civili fl-ghemil izda taghmlu jikkonsisti fin-nuqqas ta` prudenza, nuqqas ta` diligenza u nuqqas ta` hsieb tal-bonus paterfamilias [Artikolu 1032 (1), Kodici Civili]. Dan jikkorrispondi in criminalibus ghan-nuqqas ta` hsieb, bi traskuragni, jew b` nuqqas ta` hila fl-arti jew professjoni tieghu jew nuqqas ta` tharis tar-regolamenti statwit fl-Artikolu 225 tal-Kodici Kriminali".*

*Fis-sentenza li tat il-Qorti tal-Appell fil-15 ta` Dicembru 2015 fil-kawza "**Paul Azzopardi et vs Charles Grech et"** inghad illi :-*

*"… jidher li l-azzjoni attriċi tinbena fuq dak li jipprovdi l-artikolu 1031 tal-Kodiċi Ċivili marbut ma` d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 1038 tal-istess Kodiċi.*

*Illi huwa prinċipju ewlieni f`azzjoni ta` danni li min jallega li ġarrab ħsara bi ħtija jew l-għamil ta` ħaddieħor irid jipprova r-rabta bejn il- ħsara mġarrba u dik il-ħtija jew dak l-għamil. Għalkemm il-liġi tagħna ma tfissirx x`inhi l-"ħtija", madankollu tgħid li jkun jitqies fi ħtija min f`għemilu jonqos li juża l-prudenza, l-għaqal u l-ħsieb ta` missier tajjeb tal-familja. Fil-każ li l-Qorti*

*għandha quddiemha, l-atturi jixlu lill-imħarrkin b`rieda iżjed minn sempliċi traskuraġni, iżda bil-ħsieb jew l-intenzjoni tal-ħażen li kellu jissarraf fit-teħid tal-kajjik tagħhom"*

Iżda ladarba l-kolliżjoni odjerna saret bejn żewġ biċċiet tal-baħar fl-ibħra territorjali u nterni ta' Malta, l-azzjoni odjerna ttentata mis-socjetá attrici hija wkoll regolata bil-liġijiet marittimi taħt il-Kap. 234 tal-Liġijiet ta' Malta. Billi dawn il-liġijiet jikkostitwixxu *legis specialis*, huma jidderogaw mil-liġi ġenerali u ċioè mid-disposizzjonijiet tal-*culpa aquiliana* skont il-Kodiċi Ċivili (Ara **Sentenza fl-ismijiet Giuseppi Caruana -vs- Charles Psaila, QA, tal-21 ta' Marzu 1997**).

Bis-saħħa tal-*vires* mogħti lill-Ministru konċernat taħt l-artikolu 292(1) ta' dan il-kap. 234, daħħlu fis-seħħ permezz tal-**Avviż Legali 320 tal-2003 (L.S. 234.20)** regolamenti biex jiġu evitati kolliżjonijiet fuq il-baħar u fl-ibħra navigabbli, hemm imsejħa "ir-regolamenti dwar kolliżjoni".

Dawn ir-regolamenti dwar kolliżjoni, pubblikati biss bil-lingwa Ingliża, jinkorporaw fil-liġi Maltija l-Konvenzjoni fuq ir-Regolamenti Internazzjonali għal Prevenzjoni ta' Kolliżjonijiet fuq il-baħar ffirmata f'Londra fl-20 ta' Ottubru 1972 (COLREGs). F'dan ir-rigward tajjeb li jkun rilevat li dawn ir-regolamenti huma ta' tali importanza, li r-regola ġenerali hi, li f'kaz ta' inkonsistenza bejn l-imsemmija Konvenzjoni u l-liġi domestika, hija tal-ewwel li għandha tipprevali. Di fatti artikolu 5 ta' dawn ir-regolamenti espressament jiddisponi li *"Save as provided for in these regulations where*

*any provisions of any rules and regulations made under the Act are inconsistent with the provisions of the Collisions Convention, the provisions of that Convention shall, unless specifically provided for in such rules or regulations, apply."* Il-Qorti tifhem, li dan l-artikolu huwa maħsub mhux biss biex l-Istat Malti jassumi l-obbligi internazzjonali tiegħu, iżda għaliex il-liġijiet domestiċi ta' bosta pajjizi mhux bil-fors huma l-istess. Dan qasam li huwa intrinsikamnet marbut mal-aspett internazzjonali, għalhekk il-Konvenzjoni ħasbet ukoll biex tintroduċi armonizazzjoni b'reġim legali li japplika b'uniformita' fost dawk il-pajjiżi firmatarji.

Skont ir-regola 1(a) ta' din il-Konvenzjoni, dawn ir-Regolamenti japplikaw biss għall-bastimenti kollha li jkunu qed ibaħħru fl-ibħra internazzjonali u fl-ilmijiet kollha konnessi magħhom.

Iżda sub-artikolu (2) tal-imsemmi artikolu 292 tal-Kap. 234, dawn jestendi l-effetti ta' dawn ir-regoalment u jiddisponi li "*Ir-regoli dwar kolliżjoni, flimkien mad-dispożizzjonijiet ta' din it-Taqsima ta' dan l-Att dwarhom jew li xort'oħra jirreferu għal kolliżjonijiet, <u>għandhom japplikaw għall-bastimenti maltin kollha u għandhom jiġu mħarsa wkoll mill-bastimenti barranin kollha fl-ibħra territorjali u nterni ta' Malta</u>, u f'kull kawża li tinqala' f'xi qorti ta' Malta dwar kwistjonijiet li jinqalgħu fl-imsemmija ibħra territorjali bastimenti barranin għandhom, safejn ikunu qed jiġu applikati r-regolamenti dwar kolliżjoni u dwar l-imsemmija dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, jitqiesu bħala li huma bastimenti maltin.*" (Emfazi ta' din il-Qorti ).

B'korrolarju ma' dan, irid jingħad ukoll li r-regolament 3(1) tal-imsemmija L.S.234.20 tistipula li "*The Collisions Convention as may from time to time be in force, shall, ... form part of and be enforceable as part of the Law of Malta and shall apply to all Maltese ships and to all other ships while they are in Maltese waters as determined by the said Convention.*" Isegwi għalhekk li r-regolamenti taħt din il-L.S. 234.20 huma bla dubju applikabbli anke għall-bastimenti nvoluti fil-kolliżjoni mertu ta' din il-kawża.

Il-Kap. 234 ikompli jippreskrivi bis-saħħa tal-artikolu 293 (3) li "*Jekk tiġi kawżata xi ħsara lil persuna jew proprjetà minn nuqqas ta' tħaris minn xi bastiment tar-regolamenti dwar kolliżjoni, il-ħsara għandha titqies li saret bin-nuqqas volontarju tal-persuna inkarigata mill-gverta tal-bastiment f'dak il-ħin, kemm-il darba ma jiġix muri għas-sodisfazzjon tal-qorti li ċ-ċirkostanzi tal-każ kienu jeħtieġu li r-regolamenti ma jiġux imħarsa.*" Din il-parti tal-liġi tindirizza dik il-ħsara tiġi kkawżata minħabba neċessita' attwali.

Iżda insibu ukoll li skont is-sub-artikolu (4), "***Ebda ħaġa fis-subartikolu (3) ma tolqot xi responsabbiltà tas-sid tal-bastiment għal ħsara***." Dan is-sub-artikolu (4) għalhekk ma jnehhi xejn mir-regola ġenerali stabbilita fl-artikolu 347 tal-istess Kap. 234 li "*s-sid ta' bastiment ikun responsabbli ... għal kull danni li jiġru b'għemil jew b'nuqqasijiet fin-navigazzjoni jew fit-tmexxija tal-bastiment.*" F'dan ir-rigward l-awturi jgħallmu li "*In most instances, collisions result from the negligence of the crew. The shipowner will be vicariously liable for such negligence, as the crew are its employees.*

*The shipowner will remain responsible for the crew's defaults unless they can be said to constitute a 'frolic of their own', so taking their conduct outside the remit of their employment.*" (**Simon Baughen, Shipping Law, 3rd Ed, Cavendish Publishing, pg 273**.)

Inoltre, bastiment potenzjalment responsabbli għal ħsara kkawżata minn din il-kolliżjoni, igawdi mid-dritt li jillimita r-responsabbiltá tiegħu bil-mod kif provdut fir-Regolamenti dwar Bastimenti Merkantili – Limitation of Liability for Maritime Claims, L.S. 234.16. Ir-regolamenti taħt din il-L.S. jikkonferixxu fuq kwalunkwe bastiment id-dritt li jillimita r-responsabbiltá għal talbiet marittimi. Dan billi jagħti s-saħħa ta' liġi lil dawk il-provedimenti tal-Konvenzjoni dwar Limitazzjoni ta' Responsabbiltà għal Talbiet Marittimi ffirmata f'Londra fid-19 ta' Novembru, 1976 msemmija fl-iskeda (ara regolament 4 of 5 tal-L.S. 234.16).

**<u>Konsiderazzjonijiet</u>**

Qabel ma tgħaddi biex tikkunsidra l-mertu, l-Qorti sejra tqis l-eċċezzjonijiet preliminari sollevati mill-Konvenuti fir-risposta tagħhom.

Permezz tal-ewwel eċċezzjoni preliminari, il-Konvenuti qed jissollevaw in-nullitá tar-rikors ġuramentat minħabba li dan ma ġiex notifikat lill-Konvenuti iżda lill-Avukat Abigail Bugeja fil-kwalita tagħha ta' mandatarju speċjali tal-konvenuti.

Il-Konvenuti jibbażaw din l-eċċezzjoni fuq l-artikolu 157 tal-Kap. 12 li jinkombi fuq l-attur ir-responsabbilitá *"li jieħu ħsieb li jiġi notifikat lill-konvenut ir-rikors ġuramentat, kull affidavit tal-attur u d-dokumenti annessi mar-rikors, u dawn għandhom jiġu notifikati permezz tar-Reġistratur."* (ara nota a' fol 762).

Din il-Qorti tagħraf li l-artikolu 157 tal-Kap. 12 irid jinqara fl-isfond ta' dak dispost fl-artikolu 187 ta' l-istess Kap. F'dan il-każ l-Attur ħa ħsieb jagħmel dak kontemplat fl-artikolu 157 billi, kif sewwa ssottometta l-Attur fin-nota tiegħu a' fol 691, ħa ħsieb jinnotifika lil konvenut bil-proċedura kontemplata fl-artikolu 187(4)(b) tal-Kap. 12. Għaldaqstant in-notifika saret b'mod validu kif trid l-istess liġi.

Inoltre, ġie konstantament ritenut fil-ġurisprudenza tagħna *"illi t-teorija l-aktar aċċettabbli mill-Qrati, f'każijiet ta' nullita` ta' atti, hi dik li tiffavorixxi l-ammissibilita` u mhux in-nullita` tal-att (Ara f'dan is-sens, fost ħafna oħrajn, Frank Coppola vs. General Road Servicing, deċiża fis-7 ta' Diċembru 2005; Joseph Borg noe. vs. Alice Grech et, deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-14 ta' Novembru 1994; Victor Henry Debono et. vs. Onor. Dr. Vincent Tabone noe., deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċiveili fl-14 ta' Mejju 1970; Middlesea Insurance p.l.c. vs. Vella Karl, 10 t'Ottubru 2005, per Imħallef Philip Sciberras). "In-nullitajiet għad-defiċjenzi proċedurali għandhom jiġu skoraġġiti u fejn hu possibbli l-atti jiġu salvati." (The Margarine Import Company Limited vs. Kontrollur tad-Dwana, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti*

*Ċivili fit-3 t'Ottubru 2003.) Diversi kawżi jiċċitaw l-insenjament tal-Laurent fejn fi Principii di Diritto Civile (Vol. 1 para. 43) ifisser in-nullita` bħala "é un mezzo estremo cui il legislatore non ricorrra che in caso di necessita`" (Ara Antoinette Vella vs. Kummissarju ta' l-Artijiet et, deċiża mill-Qorti tal-Appell Superjuri fit-13 ta' Lulju 2001 (589/94FDP)) ....*

***Dwar il-validita` tan-notifika tal-konvenuta, il-Qorti ma tistax ħlief issegwi l-insenjament tal-ġurisprudenza tagħna illi anke jekk se mai, dato ma non concesso, il-konvenuta ġiet nnotifikata b'mod irregolari, ladarba hija pparteċipat fil-kawża billi rrispondiet għaliha, u tinsab ben konsapevoli ta' dak illi qiegħed jiġri matul il-proċediment, allura n-notifika tagħha laħqet l-iskop tagħha. Jekk in-notifika kienet irregolari, xorta waħda m'arrekatilha ebda preġudizzju***. *Fis-sentenza appena ċċitata intqal: "ma kien hemm l-ebda dubbju li n-notifika tal-atti kienet biss mezz biex tassigura li l-parti ċitata tkun konsapevoli tal-proċeduri kontra tagħha u titqiegħed f'posizzjoni li tiddefendi ruħha. Jekk mill-atti jkun jirriżulta illi l-persuna notifikanda kienet attwalment irċeviet l-att u kienet ipproċediet biex tikkontestah permezz ta' risposta skond il-liġi, l-att tan-notifika nnifsu isir għall-fini tal-proċess għal kollox irrilevanti. Dan proprju għaliex il-preżentata tar-risposta tkun tekwivali u kellha tiġi interpretata bħala dikjarazzjoni tal-parti li tkun qed tagħti ruħha b'notifika bl-att..."*

*Illi għalhekk isegwi, illi fil-każ in eżami, ladarba l-konvenuta ppreżentat ir-risposta tagħha, l-att tan-notifika m'huwiex relevanti u għalhekk ċertament li mhuwiex tali li jattira n-nullita` tar-rikors promotur*." (**AB vs CD**, **Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja tal-25 ta' April 2017**).

Fl-aħħar nett, inkonnessjoni ma' din l-eċċezzjoni, tajjeb li jingħad li dak li hu importanti hu li l-iskrittura tasal materjalment għand il-konvenut. Dan il-prinċipju huwa ukoll enunċjat fil-każ ta' persuni li huma inkapaċi iżda *n-notifika ma tistax tiġi attakkata bħala irregolari, għal waħda minn dawk ir-raġunijiet, jekk jinsab illi fil-fatt il-kopja tkun waslet f'idejn il-persuna li lilha kellha tkun innotifikata*. (ara artikolu 187(1) tal-Kap 12 tal-ligijiet ta' Malta).

Il-Qorti għalhekk u fid-dawl ta' dawk appena esport, sejra tiċħad l-ewwel eċċezzjoni preliminari.

Bit-tieni eċċezzjoni preliminari, l-Konvenuti jissollevaw in-nullitá tal-ewwel talba fir-rikors ġuramentat għal-fatt li din tispeċifika 'għad-danni li soffra r-rikorrenti nomine' meta l-attur qed jallega li soffra danni personalment. Din l-eċċezzjoni ġia ġiet determinata fid-digriet tal-4 ta' frar 2021 (a' fol 2021). B'dan id-digriet, din il-Qorti laqgħet għar-raġunijiet hemm mogħtija ir-rikors tal-Attur għal kanċellament tal-kelma "nomine" fir-rikors ġuramentat. Din l-eċċezzjoni hija għalhekk sorvolata.

Bit-tielet eċċezzjoni, is-Soċjetá konvenuta tissolleva li m'hijiex il-leġittimu kuntradittur minħabba li l-azzjoni mressqa mill-attur hija azzjoni *in rem*. Il-

Qorti tqis li ma hemm xejn x'josta fil-liġi li azzjoni in rem u oħra in personam jitmexxew flimkien f'azzjoni waħda. Anzi, azzjoni bħal din issib il-fundament tagħha fil-prinċipju tal-ekonomija tal-ġudizzju u tal-ispejjeż.

Ġie konsidrat "*illi ma hemm xejn hazin fil-ko-ezistenza, fil-kawzi numru 1084/2006 u 7/2007, ta' azzjoni in rem ma' wahda in personam ghaliex il-konvenuti huma kollha persuni kapaci li joqghodu in gudizzju. Ghalhekk, id-decizjoni tal-ewwel Qorti f'dawk il-kawzi li talloka r-responsabbilita` ghall-akkadut lis-socjeta` Fish and Fish Limited, ma teskludix fiha nnifisha r-responsabbilita` tal-bastiment f'azzjoni in rem kontra l-bastiment.*" (**Dieter Acchtelstetter v. M/V Gran Michelangelo**, **Qorti tal-Appell, 24 ta' Novembru 2017**).

Ġie kunsidrat ukoll li "*Jekk l-azzjoni tkunx in rem jew in personam jiddependi aktar fuq il-persuna tal-konvenut milli fuq il-meritu tal-azzjoni; sakemm il-kawżali tkun waħda minn dawk imsemmija fl-art. 742B tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili – biex tkun tista' tinġieb kontra bastiment – ma hemm xejn li jżomm milli l-kawża ssir kemm kontra bastiment u kemm kontra persuni oħra fl-istess azzjoni. Dan juri li ma hemmx inkompatibilità fin-natura bejn azzjoni in rem u waħda in personam; fil-fatt, sew jekk titkompla kontra l-bastiment waħdu, sew jekk titkompla kontra l-bastiment u t-terzi msejħa fil-kawża flimkien u sew jekk titkompla kontra l-imsejħa fil-kawża biss, l-azzjoni tibqa' waħda għall-ħlas tal-prezz ta' ħwejjeġ mibjugħa u konsenjati: il-kawżali ma tinbidilx u, jekk il-kawża*

*titkompla wkoll kontra l-bastiment, l-azzjoni safejn tolqot il-bastiment tibqa' in rem.*" (**Cassar Fuel Limited C Reg 28453 v. MV Madra IMO8918710 et**, **Qorti tal-Appell, 13 ta' April 2018**).

Il-Qorti sejra għalhekk tiċħad ukoll it-tielet eċċezzjoni preliminari u sejra tgħaddi biex tikkunsidra l-mertu.

Responsabbilitá għall-inċident mertu tal-kawża

Id-dinamika tal-inċident kif tirriżulta mill-atti toħroġ pjuttost ċara, b'mod partikolari miż-żewġ filmati tas-CCTV annessi mal-affidavit ta' Jimmy Sammut (a' fol 336). Jidher ċar li l-iskuna Eolo kienet irmiġġata mal-moll P Point, Fuel Wharf, Marsa meta l-bastiment Konvenut beda riesaq bil-mod il-quddiem, baqa' dieħel ġol-poppa tal-iskuna u kompla jkaxkarha l-quddiem bil-konsegwenza li l-bittá (bollard) tan-naħa tax-xellug (port) li kienet biċ-ċima tal-poppa tal-iskuna marbuta mal-moll, tqaċċtet minn fuq il-gverta (deck) u ntremiet il-baħar, filwaqt li l-pruwa ġiet magħfusa mal-moll. Il-bastiment konvenut eventwalment waqaf u mmanuvra b'lura biex jitrakka ma parti oħra tal-istess moll. L-iskuna baqgħet marbuta minn naħa ta' quddiem biss permezz taċ-ċimi tal-pruwa li kienu qed jorbtuha mal-moll. Hija reġgħet tqiegħdet f'postha bl-għajnuna ta' pilot boat (ara rapport espert maħtur fl-inkjesta dwar din il-kolliżjoni a' fol 468).

Il-Kaptan Fritz Farrugia, li jokkupa l-kariga ta' Deputy Harbour Master fi ħdan id-Direttorat tal-Portijiet u Yachting tal-Awtoritá għat-Trasport f'Malta, jikkonferma li l-iskuna Eolo kienet hemm irmiġġata taħt l-awtorizzazzjoni

tal-istess awtoritá u skont kif hekk ġie assenjat lilha sa mis-sena 2011 (ara affidavit a' fol 206). L-iskuna għalhekk kienet hemm irmiġġjata b'mod regolari ħlief forsi għal fatt li, skont kif konstatat mill-espert maħtur fl-inkjesta dwar din il-kolliżjoni, din "kienet marbuta bil-poppa tal-qoxra naqra 'l barra mill-kantuniera tal-Moll tal-Faħam" (ara fol 465).

Iżda hekk kif ikkonkluda l-istess espert, il-kolliżjoni ma seħħietx għax l-iskuna kienet hekk marbuta iżda "*minħabba nuqqas ta' ftehim ta' ordnijiet ta' manuvrar tal-magna li ġew mogħtija mill-pilota Joseph Brincat, meta dawn ġew trasmessi lill-kaptan tal-bastimet NS Koralle, Vladimir Rjepaj u finalment lill-Albert Velika, d-Deck Officer. Għalkemm l-ordni mogħtija mill-pilota kienet tajba, fejn ordna li l-magna taħdem b'lura (astern) kien ċar li l-azzjoni li ħa Albert Velika kienet ħażina għax minflok li tefgħa l-magna b'lura (astern), huwa tefgħa l-magna bil-quddiem (ahead).*"

Din il-konklużjoni taqbel kompletment mal-verżjoni mogħtija mill-kaptan Joseph Brincat stess fl-affidavit tiegħu a' fol 204. Di piu', il-Qorti ssibha diffiċli ħafna kif tista' takkolla responsabbilita' tal-inċident inkwistjoni jew parti minnu, lill-Attur, meta l-opra tiegħu kienet stazzjonarja. Ir-regola' ħenerali hi, li huwa l-obbligu ta' min ikun qed isuq jew jinnaviga, li jevita oggett stazzjonarju kif jiddetta l-principju ta' "proper lookout" (ara aktar 'l isfel). Skont din il-Qorti, dan huwa principju applikabbli kemm għal sewqan fuq l-art u kif ukoll għan-navigazzjoni ta' bastimenti u opri tal-baħar.

Li trid tqis din il-Qorti għalhekk huwa jekk dan in-"*nuqqas ta' attenzjoni jew nuqqas ta' ftehim u verifika ta' ordni*" (ara rapport a' fol 470) jammontax

għal nuqqas ta' tħaris mill-bastiment Konvenut tar-regolamenti dwar kolliżjoni taħt il-COLREG kif inkorporata fil-liġi Maltija taħt il-L.S. 234.20. Dan ai fini tal-artikolu 293(3) tal-Kap. 234 senjalat supra.

Wara li fliet din il-Konvenzjoni il-Qorti ssib li, taqbel ma' dak sottomess mill-Attur ( ara nota a' fol 695). Dan in-nuqqas jekwivali għal nuqqas ta' tħaris tar-regola 5 tal-*proper look-out* u tar-regola 8(a) u (e) li tistipula s-segwenti:

*8 (a) Any action to avoid collision shall be taken in accordance with the Rules of this Part and shall, if the circumstances of the case admit, be positive, made in ample time and with due regard to the observance of good seamanship.*

*...*

*(e) If necessary to avoid collision or allow more time to assess the situation, a vessel shall slacken her speed or take all way off by stopping or reversing her means of propulsion.*

Minflok ma ħa azzjoni fis-sens ta' dawn ir-regoli tal-Konvenzjoni, id-*Deck Officer-of-the Watch*, ċertu Albert Velika, obda bl-amment dak li fehem li kienet l-ordni tal-Kaptan Vladimir Rjepaj biex jitfa' l-magna ahead ('l quddiem) flok astern (b'lura). Dan mingħajr ma vverifika mal-kaptan il-korrettezza ta' din id-direzzjoni u minkejja li kellu dubju fuqha, peress li kien jaf li suppost il-magna kellha tmur astern, cioe b'lura (ara xhieda ta' Velika fir-rapport tal-espert maħtur fl-inkjesta a' fol 467).

Lanqas il-Kaptan Vladimir Rjepaj ma għoġbu jivverifika u jaċċerta ma' Velika x'kontroll effettivament ta lil-magna. Dan allavolja ra l-bastiment miexi l-quddiem flok lura u minkejja l-istruzzjoni ripetuti tal-kaptan Joseph Brincat f'dan is-sens (ara affidavit a' fol 204). Minflok, il-Kaptan ordna lil Velika jitlaq minn fuq il-bridge tal-vapur u jmur fil-poppa sabiex jgħin l-ekwipaġġ biċ-ċimi (ara xhieda tal-Kaptan u ta' Velika a' fol 467 u 468 tar-rapport tal-espert maħtur fl-inkjesta). B'dan il-mod il-Kaptan naqas mid-dover tiegħu taħt ir-regolament 4 tal-L.S. 234.20 sabiex jassigura li l-bastiment huwa konformi mad-disposizzjonijiet tar-regolamenti 5 u 8 tal-Konvenzjoni u r-rekwiżiti hemm applikabbli. Dwar l-obbligu ta' *proper lookout* interessanti dak li josservaw l-awturi **Susan Hodges** u **Christopher Hill** għaliex għandu rilevanza għall-kaz li għandha quddiemha din il-Qorti. Wara li dawn iż-żewġ awturi jagħmlu esposizzjoni tas-Sentenzi Ingliżi dwar ir regolament 5:

"*The proper lookout rule is of paramount importance, since it is desgned to be preventive of close-quarter situations ever occurring. Once a close-quarter situation has developed the the likelihood is that panic may set in* (bħal ma jidher li ġara fil-każ odjern) *and alterations of course may be made without sufficient thought, generating fatal misunderstanding between the masters of the respective ships*." (**Principles of Maritme Law `, Ed 2001 pg 88**).

Di piu', kif jistipula r-regolament 2 tal-istess Konvenzjoni, l-ebda regola tal-Konvenzjoni ma teżenta lill-Kaptan u lid-Deck Officer-of-the-Watch, qua

membru tal-ekwipaġġ tal-bastiment konvenut, mill-konsegwenzi tan-negliġenza tagħhom f'li jikkonformaw mar-regolamenti 5 u 8 u f'li jieħdu l-prekawzjoni meħtieġa fil-prattika ordinarja tad-tbaħħir. Fil-fehma ta' din il-Qorti l-filmat fuq imsemmi juri bic-car fuq min għandha taqa'r-responsabbilta' abbażi tal-prinċipju res ipsa loquitur.

Isegwi għalhekk li r-responsabbiltá ta' din il-kolliżjoni taqa' fuq iż-żewġ konvenuti: kemm il-bastiment u anke is-sidien.

<u>Ħlas tad-danni għal ħsara kaġonata fl-iskuna Eolo mill-bastiment Konvenut</u>

Kif diġa senjalat fil-kunsiderazzjonijiet legali supra, d-danni reklamati mill-Attur huma limitati skont il-liġi, preċiżament skont il-L.S. 234.16.

Jirriżulta mill-affidavit tal-Kaptan Joseph Brincat li l-bastiment konvenut huwa ta' 1851 tunnellata gross, jiġifieri inqas minn 2000 tunnellata gross (a' fol 264). Għaldaqstant u ai termini tal-artikolu 6(1)(b)(i) tal-Konvenzjoni dwar Limitazzjoni ta' Responsabbiltà għal Talbiet Marittimi kif imniżżla fl-iskeda, l-istess bastiment għandu d-dritt jillimata kwalunkwe responsabbiltá li għandu għall-mhux aktar min 1.51 million Units of Account.

Skont l-artikolu 8 tal-istess Konvenzjoni, "*The Unit of Account referred to in Articles 6 and 7 is the Special Drawing Right as defined by the International Monetary Fund. The amounts mentioned in Articles 6 and 7 shall be converted into the national currency of the State in which limitation is sought, according to the value of that currency at the date the limitation*

*fund shall have been constituted, payment is made, or security is given which under the law of that state is equivalent to such payment. ...*"

Ir-regolament 10(1) tal-L.S. 234.16 jispeċifika li "*For the purpose of converting the amounts mentioned in Articles 6 and 7 of the Convention from Special Drawing Rights into Euros, one Special Drawing Right shall be treated as equal to such a sum in Euros as the International Monetary Fund has fixed as being the equivalent of one Special Drawing Right for - (a) the relevant date under paragraph 1 of Article 8 of the Convention; or (b) if no sum has been so fixed for that date, the last preceding date for which a sum has been so fixed.*"

Il-valur fil-munita € ta' *special drawing right* kif stabbilita mill-Fond Monetarju Internazzjonali huwa ta' 0.38671 (https://www.imf.org/external/np/fin/data/rms_sdrv.aspx). Għaldaqstant il-bastiment konvenut għandu d-dritt jillimita r-responsabbiltá tiegħu għal mhux aktar min €583,932.1 (0.38671 x 1510000).

**Likwidazzjoni danni**

Fil-liġi tagħna l-likwidazzjoni tad-danni hija regolata bl-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili li taqsam id-danni f'żewġ aspetti: id-danni attwali (*damnum emergens*) u t-telf ta' qliegħ futur (*lucrum cessans*). Is-somma tad-danni hi rimessa għall-arbitriju prudenzjali tal-Qorti, fil-limiti stabbiliti mil-liġi permezz tas-sub-inċiz 2 tal-imsemmi artikoli 1045 tal-Kodiċi Ċivili.

**Il-Qorti tal-Appell Inferjuri fis-sentenza Rita Sultana et vs Antoine Colombo et datata 19 ta' Frar 2010** siltet dawn l-osservazzjonijiet rigwardanti d-dottrina legali u l-ġurisprudenza fuq il-materja tar-riżarċiment tad-danni:

"*1. In via generali d-dixxiplina normattiva tar-rizarciment tad-danni extra-kontrattwali hi, skond l-Artikolu 1045 (1) tal-Kodici Civili, abbinata mal-konsegwenzi immedjati u diretti ta' l-event dannuz. B'dan il-mod il-legislatur ried jiddelimita r-rizarciment ghat-telf subit u ghal qligh mankat li jikkonsegwi mill-fatt dannuz in bazi ghal "id quod plerumque accidit". Li jfisser, illi l-legislatur ried jakkolla fuq il-persuna responsabbli mhux kwalunkwe riperkussjoni patrimonjali izda biss id-danni veri u proprji. F'kelma wahda, il-legislatur ma riedx li jkunu inkluzi kwalsiasi danni, huma x'inhuma, izda dawk biss li jkollhom konnessjoni mal-fatt illecitu. Anke f'din il-perspettiva n-ness guridiku ghandu rwol importanti ghal skop tad-danni riparabbli in kwantu ghall-utilita` li jallaccja d-danni kollha fis-serje kawzali ma' event wiehed specifiku;*

*2. Bla dubju, l-indagini dwar liema huma d-danni diretti u immedjati jikkoinvolgi valutazzjoni ta' fatt u din, ordinarjament, tesula mis-sindikar da parti ta' din il-Qorti ta' revizjoni jekk tinstab li hi sorretta minn motivazzjoni sobrija u adegwata;*

*3. Premess dan, tajjeb li wiehed jisottolineja illi l-ligi trid li min ikun responsabbli ghad-danni ghandu jhallas kull dannu li ragonevolment jitqies bhala konsegwenza diretta tal-fatt illecitu (ara "**Bugeja -vs- Cassar**", Appell Civili, 1 ta' April, 1966). Ukoll, tezisti dik l-esigenza li ddanneggjat bi dmir ghandu jaghmel dak kollu li hu ragonevoli biex inaqqas il-hsara ("**Blackman -vs-Formosa**", Prim' Awla, Qorti Civili, 5 ta' Ottubru, 1994 u "**Sullivan -vs- Grixti**", Appell Inferjuri, 9 ta' Lulju, 1999).*

*F'dan il-kuntest hu wkoll ritenut illi l-kwestjoni ta' x'inhu ragonevoli li jaghmel id-danneggat biex jimmitiga l-hsara hi kwestjoni ta' fatt li ghandha tigi konsiderata fic-cirkostanzi ta' kull kaz partikolari (ara "Mallia **-vs- Moore**", Appell Civili, 26 ta' Novembru, 1954) u l-oneru tal-prova f'dan ir-rigward specifiku jaqa' fuq il-konvenut" ("**Aquilina - vs- Schembri**", Appell Civili, 24 ta' Jannar, 1969);*

*4. Valevoli dejjem li jigi wkoll sottolinejat illi r-regola ghandha tkun illi d-dannu reklamat m'ghandux ikun sors ta' approfittar jew ta' lukru u li l-mizura tar-rizarciment m'ghandhiex tissupera l-interessi lezi. Ara "Borg nomine et -vs- Schembri", Prim' Awla, Qorti Civili, 28 ta' Jannar, 1965;" (Emfazi tal-Qorti)*

*Stabbilit dan il-Qorti taqbel ma dak sottomess mis-soċjetá konvenuta a' fol 259 sa 262 tan-nota tagħha u tqis li l-ammont reklamat jisboq ferm il-valur tal-apparat mitluf konsegwenza tal-even dannuż. Dan tant li jinkludi apparat li ġie mibdul minkejja li ma ġarrab l-ebda ħsara fl-inċident. Is-somma*

*reklamata għalhekk ma hijiex ekwivalenti għal "somma li tekwipara l-valur tal-utilitajiet mitlufa" (**Antonio Zammit vs Mario Calleja**, Appell Inferjuri, 12 ta' Jannar 1977).*

*Kif ġie ritenut, "f'rapport ta' derivazzjoni ex-delicto jew vel quasi delicto,.., ir-responsabilitá tad-danneġġjanti hi ċirkoskritta għall-konsegwenzi probabbli tal-kondotta tiegħu, u mhux ukoll biex iwieġeb għal kwalsiasi konsegwenza indiretta jew remota li tista' tiddixxendi mill-operat tiegħu. Fi kliem ieħor, kif ġja rilevat hawn fuq, hu mistenni li d-danneġġjant jagħmel tajjeb għal dawk id-danni li huma verament immedjati u prossimi b'rabta ma' l-event li skaturihom.*"(**Safety & Security Management Limited vs Emmanuel Spiteri**, Appell Inferjuri, 12 ta' Marzu, 2010).

<u>Damnum Emergens</u>

Jirriżulta mill-atti li fis-7 ta' Frar 2018 l-iskuna Eolo ġiet ċertifikata minn surveyor approvat mill-Gvern bħala '*seaworthy in respect of hull, machinery and equipment'* (ara ċertifkat a' fol 365). Konsegwenza tal-ħsarat kaġonati lilha bl-inċident in kwistjoni, l-iskuna ġiet f'qagħda li "*ma tistax tinsaq fil-kondizzjoni attwali tagħha, f'baħar apert*" (rapport espert maħtur fl-inkjesta dwar din il-kolliżjoni a' fol 470).

Fir-rapport tiegħu l-espert maħtur mill-Qorti fuq talba tal-Konvenuti (ara verbal a' fol 35 segwiet bid-digriet a' fol 54) iddetermina li l-ispejjeż għat tiswija tal-iskuna Eolo jammontaw għal €265,000 li magħhom iridu jiżdiedu

spejjeż tat-trasport fis-somma ta’ €48,000 (ara rapport a’ fol 126). Flimkien dawn l-ispejjeż għalhekk jammontaw għal **€313,000**.

Din il-Qorti ma ssib l-ebda raġuni għalfejn għandha twarrab din il-konklużjoni. Il-ħsarat fuq l-iskuna ma humiex tali li jrenduha *total loss* iżda tali li tista tissewwa’ u tiġi għall-istat li kienet (ara xhieda Perit Tekniku Vincent Muscat a’ fol 433K). Għaldaqstant ma hemm l-ebda raġuni għalfejn din il-Qorti għandha tindaga u teżamina l-iskejjen alternattivi li sabu l-partijiet.

Il-Qorti tara , li lanqas biss kien hemm il-ħtieġa li l-Attur minn jeddu jidħol fi spiża biex ifittex, jottjeni dokumentazzjoni u jħejji rapporti fuq skejjen alternattivi taħt il-pretest ta’ speditezza u li l-prezz tagħhom jista jkun irħas mill-ispiża involuta għat-tiswija tal-iskuna Eolo. Jirriżulta mix-xhieda li l-Konvenuti ġustament jinsistu li jsiru t-tiswijiet (a’ fol 220 faccata 2) . Joħroġ ukoll mix-xhieda tal-espert tekniku li l-prezz għall-akkwist ta’ skuna alternattiva jekwivali għall-ammont ta’ spiża subita biex tissewwa l-iskuna danneġġjata (a’ 432 faccata 2). Għalhekk din il-Qorti ma għandha ebda raġuni sabiex tallontana ruħha mill-konklużjonijiet tal-perit imqabbad minnha u dan kif jippermettilha tagħmel l-artikolu 681 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta’ Malta. Iżda ma hemm xejn fil-konklużjonijiet tal-perit espert li jmorru kontra l-konvinċiment ta’ din il-Qorti li dawn ma jirriflettux is-sewwa. (Ara **Sentenza tas-26 ta’ Mejju 2016, per Imħallef Lorraine Schmebri Orland fl-ismijiet Malaga -vs- Duminku Cutajar, Prim Awla Qorti Ċivili**.)

Fil-valutazzjoni tiegħu l-espert tal-Qorti ħa kont tal-istimi ex parte preżentati mill-partijiet u qies l-istadji kollha tal-ispejjeż involuti sabiex l-iskuna tkun tista' tiġi riparata (ara xhieda a' fol 433L). Anke hawn, il-Qorti tara li l-konklużjoni raġġunta hija ġusta u korretta. Il-Qorti għalhekk sejra tistrieħ fuqha.

Magħdud mal-ispejjeż ta' tiswija tal-iskuna, l-Attur qed jitlob ukoll in via ta' *damnum emergens* spejjeż ulterjuri fl-ammont ta' €55,294.62. Dawn jinkludu s-segwenti:

*Spejjes tal-bahri Siguri Siguri.*

Li Siguri Siguri kien impjegat bħala baħri mill-Attur joħroġ ampjament evidenti mill-affidavit tiegħu stess kif sostanzjat bid-dokumenti preżentati mill-attur (Ara a' fol 591 u 66). Fil-fatt Siguri Siguri kien ġo l-iskuna meta seħħ l-inċident u kien hu li nforma lill-Attur u lill-ibnu bil-kolliżjoni. Saħansitra jidher fil-filmat ħiereġ mill-gabina tal-iskuna tal-Attur. Fl-affidavit tiegħu l-Attur jgħid, li wara l-inċident huwa żamm lil din il-persuna taħdem miegħu sa Jannar (a' fol 359). Din il-verżjoni ma hi sorretta minn imkien mill-provi. Il-Qorti ma tifhimx għala l-Attur baqa' jħaddem lil Siguri Siguri għal sitt xhur wara l-inċident meta konsegwenza tal-istess ma setax jibqa' jagħmel ix-xogħol li għalih l-Attur kien iħallsu biex jagħmel. Il-Qorti pero' xorta sejra tikkonsidra, li l-Attur baqa' jimpjega lil Siguri Siguri għal xahrejn izda mhux sitt xhur wara l-kolliżjoni u għalhekk tiddetermina l-ispejjeż nkorsi minnu f'pagi dovuti lil Siguri Siguri fl-ammont ta' **€1,200** (€600 + €600). Il-Qorti qegħda tistabilixxi l-perjodu ta' xahrejn abbażi tal-prinċipju

ta' dak li hu raġjonevoli. Għal Qorti ma tqies li hu raġjonevoli l-perjodu ta' sitt xhur.

*Spejjeż tal-Espert Ex Parte Paul David Cardona fl-ammont ta' €11,286.70.*

Il-Qorti mill-ewwel tqis dan l-ammont bħala wieħed eżaġerat u sproporzjonat meta mqabbel mal-ispejjeż nkorsi sabiex jitħejja r-rapport tal-espert tekniku maħtur mill-Qorti. Apparti dan, ma kien hemm l-ebda ħtieġa li jiġi nkarigat dan l-espert sabiex jagħmel rapporti addizzjonali rigwardanti bastimenti alternattivi kif ġia spjegat supra. Il-Qorti tqis għalhekk li d-danni dovuti lill-Attur rappreżentanti spejjeż ta' dan l-espert maħtur ex parte m'għandhomx ikunu iktar mill-ammont li jkopri l-ispejjez sostnuti għar-rapport tal-perit tekniku maħtur mill-Qorti. Il-Qorti għalhekk tillikwida l-ispejjeż taħt din il-kappa fl-ammont ta' **€1,394.41**.

Il-Qorti tirrileva li għalkemm il-vittma għandha kull dritt tressaq u tħejji l-provi tagħha, dan ma jfissirx li f'każijiet bħal dawk li għandha quddiemha l-Qorti, kull rapport imħejji ex parte, għandu ta' bil-fors ċjekament jiġi aċċetat li jifforma parti mid-danni sofferti huma kemm huma l-ispejjes. Din il-Qorti tfakkar li l-vittma għandha obbligu li timminimizza d-danni (**Ara Sentenza tal-Appell tat-2 ta' Ġunju, 2014 fl-ismijiet Martin Xerri v. Joseph Rapa et**).

*Spejjeż legali tal-avukat difensur tiegħu fl-ammont ta' €35,877.90.*

Il-Qorti tqis li ħlas tad-drittijiet tal-avukat u l-prokuratur legali m'humiex riduċibbli f'damnum emergens. Dawn ikunu inklużi fit-Taxxa Uffiċjali li

joħroġ ir-reġistratur tal-Qorti skont il-liġi (ara artikolu 64 tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta). Din il-Qorti sejra tordna li l-ispejjeż ta' din il-kawża għandhom jitħallsu mill-bastiment Konvenut. Għalhekk l-ispejjeż għal dawn id-drittijiet ser ikunu effettivament akkollati lill-konvenuti u mhux lill-Attur.

Din il-Qorti ma taqbilx, li l-konvenuti għandhom iħallsu somma ikbar mill-ammont ta' dan id-dritt li fit-Taxxa Uffiċċjali indipendentement mill-valur ta' din il-garanzija u minħabba n-nuqqas taghhom li jagħmel tajjeb minnufih għall-ispejjeż involuti fit-tiswija tal-iskuna Eolo (ara a' fol 328 u nota a' fol 714 et seq). Di piu' meta tinħareg it-taxxa uffiċjali, din ser tinħadem fuq l-ammont li ser ikun likwidat f'din il-Kawża.

Din il-Qorti hija obbligata bil-liġi taħt l-artikolu 1045 li tqis it-<u>telf attwali</u> subit mill-Attur u mhux li tiddetermina t-telf skont il-massimu li l-bastiment konvenut obbliga ruħu li jħallas fil-garanzija. In kwantu għad-dilungar kawżat mill-bastiment konvenut, dan ma jaffettwax id-dritt dovut lill-avukat u l-prokuratur legali, iżda biss it-telf ta' qliegħ subit mill-attur għad-durata taż-żmien li fih baqa' sprovvist mill-iskuna konsegwenza ta' din il-kolliżjoni. Il-Qorti għalhekk, ma tarax li għandha żżid dawn l-ispejjeż mal-kalkolu tad-*damnum emergens*. Id-drittijiet rekuperabbli huma dawk li soggetti għat-taxxa maħruġa mir-Registratur tal-Qorti fit-termini ta' dawk li jipprovdu l-iskedi annessi mal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta.

<u>*Spejjeż relatati mal-ġabra ta' dokumenti uffiċjali tal-bastiment alternattiv bl-isem Nagat fl-ammont ta' €1,485.*</u>

Il-Qorti tqis li dawn l-ispejjeż ġew subiti bla bżonn kif fuq spjegat u għalhekk m'għanhomx jiġu addebitati lill-bastiment Konvenut.

*Spejjez tal-espert tekniku maħtur mill-Qorti fl-ammont €1,394.41, spejjeż tal-video-conferencing tal-kontro-eżami ta' Siguri Siguri fl-ammont ta' €40.30 u spejjeż tal-Qorti fl-ammont ta' €1610.31*.

Ladarba l-Qorti sejra tordna li l-ispejjeż ta' din il-kawża għandhom jitħallsu mill-bastiment Konvenut, l-attur sejjer ikun riżarċit l-ammont tal-spejjeż inkorsi f'dawn il-proċeduri. Dan l-ammont għalhekk m'għandux jidħol fil-likwidazzjoni tad-danni. Inkella l-attur se jkun qed jitħallas doppju għal dawn l-ispejjeż.

Il-Qorti għalhekk tillikwida danni f' telf attwali subiti mill-attur fl-ammont ta' **€315,594.41** (€313,000+€1,200+€1394.41)

Ma' dan l-ammont irid jiżdied it-telf ta' qliegħ subit mill-attur matul iż-żmien li fih safa u baqa sprovvist mill-iskuna tiegħu konsegwenza ta' din il-kolliżjoni. Dan it-telf ma jistax jiġi kunsidrat bħala wieħed futur iżda bħala wieħed attwali. *Lucrum Cessans* huwa dak il-kumpens għal telf ta' qliegħ li d-danneġġjat ikun bata u se jkollu jbati l-quddiem minħabba "*inkapaċitá għal dejjem li huwa ġarrab fl-inċident*", sitwazzjoni li f'dan il-każ ma tiffigurax (ara **Carmelo Fenech vs Malta Freeport Terminals, Qorti Ċivili Prim' Awla, 16 ta' Mejju 2019**). Fil-każ ta' bastiment tas-sajd, dan it-telf jikkonsisti fl-opportunijiet mankati mis-sid biex jintuża għas-sajd minħabba

l-istat li jinsab fih.  Fil-verita' il-bastiment b'konsegwenza tal-kolliżjoni ma kienx fil-kapaċita' li jintuża għall-iskop primarju tiegħu.

Il-konvenuti jissottomettu li t-talba tal-Attur għal dan it-telf hija fallaċi fuq ir-raġuni li l-Attur huwa irtirat u għalhekk qed jipperċepixxi pensjoni u kif ukoll minħabba li l-attur temm l-impjieg tiegħu bħala self-employed xahrejn qabel l-inċident u għalhekk kien reġistrat bħala persuna mingħajr impjieg (ara nota a' fol 745, xhieda attur a' fol 219, kontro-eżami tal-attur a' fol 577 u nota a' fol 757 u 758).  Il-Qorti ma taqbilx ma dan ir-raġunament.  L-iskuna kienet se tibqa' isservi sors ta' ntrojtu għall-Attur u l-familja tiegħu li kieku ma kienx għall-kolliżjoni li seħħet tort tal-bastiment konvenut.  Il-Konvenut bastiment għaldaqstant irid jagħmel tajjeb għal dan is-sors ta' introjtu li l-Attur tilef u qed jitlef minħabba li ma setax jibqa' joħroġ jistad bl-iskuna konsegwenza tal-ħsara li ġarrbet bil-kolliżjoni, ħsara li għadha s'issa ma ssewwietx.

Fin-nota tiegħu l-Attur jissottometti, li dan it-telf għandu jiġi kalkolat fuq perjodu minimu ta' sena u għaxar xhur li jinkludi ż-żmien ta' sena u erbgħa xhur mid-data tal-inċident sad-data ta' meta saret tali sottomissjoni, u sitt xhur oħra żmien biex tittranġa l-iskuna skont kif ġie nnotat mill-Inġinier Cardona maħtur ex parte mill-attur (a' fol 176 et seq).  Din il-Qorti fliet ir-rapporti tal-Inġinier Cardona preżentati a' fol 142 u 337 u ma rriskontratx dan in-notament.  Fi kwalunkwe każ, għaddew erbgħa xhur oħra mid-data ta' tali sottomissjoni u għalhekk jibqa' biss xahrejn żmien biex jagħlaq dan il-perjodu ta' sena u għaxar xhur.  Il-Qorti għalhekk tqis tali sottomissjoni

bħala waħda raġjonevoli u sejra tgħaddi biex tikkalkula dan it-telf fuq dan il-perjodu ta' sena u għaxar xhur.

Skont il-Profit and Loss account għas-sena 2018 (a' fol 606) sottomessa lill-Kummissarju tat-Taxxa, l-Attur għamel profit gross mill-bejgħ tal-ħut fl-ammont ta' €67,000. Dan l-ammont huwa 34.92% (€35,951) inqas minn dak iddikjarat lid-Dipartiment tas-Sajd għall-istess sena matul ix-xhur kif indikati a' fol 378 (a` fol 60). Il-Qorti ma temminx dak dikjarat mill-Attur fin-nota tiegħu (a' fol 604). L-Attur għid li l-ammont hemm dikjarat mad-dipartiment tat-taxxa huwa frott ta' żball. Jekk kien żball kellu ż-żmien kollu biex jindirizza dan l-iżball mal-Kummissarju tat-Taxxa. B'dana kollu ma għamel xejn minn dan. Il-Qorti għalhekk sejra tibbaża fuq dak l-ammont dikjarat tat-taxxa ai fini ta' komputazzjoni tat-telf ta' qliegħ matul dawn is-sena u għaxar xhur.

Abbażi ta' dak l-ammont dikjarat mad-dipartiment tat-taxxa għas-sena 2018, il-Qorti tistma li l-attur kien jaqbad profitt gross għas-sena 2019 fl-ammont ta' €70,000 u għas-sena 2020 u 2021 fl-ammont ta' €80,000. Dan minħabba ċ-ċirkostanzi marbuta mal-pandemija fejn jidher li ffavorit il-qbid ta' iktar ħut (ara xhieda attur a' fol 215 faċċata 2). Ma dawn l-ammonti l-Qorti ma tqisx li għandha żżid introjtu li l-Attur seta' qala' mill-iskemi tal-fishing for litter u tal-istudji xjentifiċi.

Jidher li f'ta l-ewwel l-attur ibbenefika minn din l-iskema darba waħda biss fis-sena 2018 fejn, skont l-uniku dokument li ġie preżentat rigward din l-iskema, jirriżulta li rċieva €600 (ara dokument a' fol 382). Dan id-dokument

waħdani ma jikkonvinċix lill-Qorti fuq il-preponderanza tal-provi u bilanċ ta' probabiltajiet, li l-Attur kien sejjer jerġa jibbenefika min din l-iskema fis-snin 2019 u 2020. L-istess japplika fir-rigward tal-iskema tal-istudji xjentifiċi fejn jirriżulta li l-Attur ibbenefika minnha darbtejn biss preċiżament fl-2013 f-ammont ta' €23,600 u fl-2015 fl-ammont ta' €19,666.68 (ara fol 384 u affidavit attur a' fol 359). Magħdud ma dan, lanqas hemm xejn fl-atti li juri li din l-iskema kienet miftuħa għas-snin 2019 u 2020.

Il-Qorti iżda sejra tqis li għandha toqogħod fuq dak spjegat fin-nota sa fejn jirrigwarda one time expenses b'dan li mhux se tnaqqashom minn dan l-ammont (a' fol 604 u 717). Il-Qorti lanqas ma hi se tnaqqas id-*depreciation of assets* mniżżla fl-imsemmija *profit and loss* billi se toqogħod ukoll fuq dak hemm spjegat fin-nota (a' fol 718). Il-Qorti iżda se tnaqqas ammont ta' spejjeż li l-Attur franka kemm ilu wieqaf mix-xogħol konsegwenza ta' din il-kolliżjoni kif ġej: €6,000 fis-sena stmati min din il-Qorti bħala spejjeż mixellanji bħal dawk imsemmija f'para 10 tan-nota a' fol 718, €1,681.47 manteniment ordinarju ta' kull sena skont dak spjegat fin-nota a' fol 717 para 8 u €20,000 spejjeż ta' diesel fis-sena skont kif dikjarat mill-attur fl-affidavit a' fol 359 u nota a' fol 717 u 718.

Għaldaqstant mill-ammont gross ta' €70,000 għas-sena 2019 stmat minn din il-Qorti, se jiġi mnaqqas il-profitt li l-Attur irċieva mill-bejgħ tal-ħut li huwa qabad fix-xhur qabel il-kolliżjoni. Skont id-dokument ippreżentat minnu a' fol 380, dan jammonta għal €48,410. Il-Qorti se tnaqqas 34.92% minn dan l-ammont sabiex jirrifletti r-rata dikjarata mad-dipartiment tat-taxxi. Minn

dan l-ammont il-Qorti se tnaqqas ukoll ir-rata ta' €1,800 rappreżentanti l-aħħar tlett xhur paga ta' Siguri għal dik is-sena li l-Attur kien iħallas li kieku ma seħħietx il-kolliżjoni kif ukoll l-€6,000 pro rata spejjeż mixellanji, l-€1,681.47 pro rata f'manteniment ordinarju ta' kull sena u €20,000 pro rata fi spejjeż ta' diesel. B'hekk it-telf ta' qliegħ subit mill-attur għas-sena 2019 jiġi kalkolat kif ġej:

€70,000- €16,904.77(34.92% ta' €48,410) - €1,800 - €2,500 (spejjeż mixxellanji min Lulju sa Diċembru) - €700.61 (manutenzjoni min Lulju sa Diċembru) - €8,333.33 (spejjeż ta' diesel min Lulju sa Diċembru) = €39,761.29

Mill-ammont gross ta' €80,000 stmat għas-sena 2020 għandu jitnaqqas l-ammont ta' €7,200 f'paga ta' Siguri Siguri, €6,000 spejjeż mixellanji, €1,681.47 manteniment ordinarju ta' kull sena u €20,000 spejjeż ta' diesel. B'hekk it-telf ta' qliegħ subit mill-attur għas-sena 2020 jiġi kalkolat kif ġej:

€80,000 - €7,200 - €6,000 - €1,681.47 - €20,000= €45,118.53.

L-ammont gross ta' €80,000 stmat għas-sena 2021 għandu jitnaqqas pro rata sa' Mejju li huwa x-xahar li fih jgħalqu s-sena u għaxar xhur. Għandhom jitnaqqsu wkoll l-ammont ta' €3,000 f'paga ta' Siguri Siguri li jkopru x-xhur min Jannar sa Mejju, €6,000 pro rata spejjeż mixellanji, €1,681.47 pro rata manteniment ordinarju ta' kull sena u €20,000 diesel pro rata għal dawk ix-xhur.

B'hekk it-telf ta' qliegħ subit mill-attur għas-sena 2020 jiġi kalkolat kif ġej:

€33,333.33 (ammont ta' qliegħ stmat minn Jannar sa Mejju) - €3,000 - €2,500 (spejjeż mixellanji min Jannar sa Marzu) - €700.61 (manteniment ordinarju min Jannar sa Marzu) -€8,333.33(spejjeż ta' diesel min Jannar sa Mejju)= <u>€18,799.39</u>

Għaldaqstant l-ammont ta' telf ta' qliegħ għal-perjodu ta' sena u għaxar xhur mid-data tal-inċident huwa ta' **€103,679.21** (€39,761.29 + €45,118.53 + €18,799.39).

Isegwi għalhekk li l-ammont globali ta' danni attwali subiti mill-attur huwa ta' <u>**€419,273.62**</u> (€103,679.21 + €315,594.41). Dan l-ammont jaqa' fil-limitu ta' €583,932 kalkolat skont kif dispost fil-L.S.234.16 (Limitation of Liability for Maritime Claims Regulations). Għalhekk għandu jkun riżarċibbli in toto mill-Attur.

<u>**Decide**</u>

Għaldaqstant u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qiegħdha taqta` u tiddeċiedi din il-kawża billi;

<u>**Tiċħad**</u> l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenuti.

<u>**Tilqa'**</u> l-ewwel talba attriċi u tiddikjara li l-konvenuti huma responsabbli għad-danni li sofra r-rikorrenti meta l-bastiment NS Koralle baqa' dieħel ġo l-iskuna tas-sajd Eolo nhar l-10 ta' Lulju 2019.

**Tilqa’** t-tieni talba attriċi u tillikwida d-danni sofferti mill-Attur fl-ammont ta’ erbgħa mija u dsatax il-elf, mitejn tlieta u sebgħin Ewro u tnejn u sittin ċenteżmi (**€419,273.62**).

**Tilqa’** t-tielet talba attriċi u tordna lill-konvenuti iħallsu s-somma hekk likwidata bl-imgħaxx legali minn din is-Sentenza sal-pagament effettiv.

Spejjez a karigu tal-Konvenuti.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**